# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF ANNA FELICE**
**Aġent President**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Mejju, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 672/17/1 MH**

**Johanna Ganado**

**v.**

**Edward DeGaetano**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tagħha, wara li l-attriċi ċediet it-talbiet attriċi, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet rikonvenzjonali billi ddikjarat illi l-attriċi rikonvenzjonata bla ebda ġustifikazzjoni u dolożament telfet lill-konvenut rikonvenzjonant mill-użu ta' flusu u ikkundannatha tħallas lill-konvenut is-

somma ta' €3,152.79 bħala telf konsegwenzjali u l-ispejjeż.

## Daħla

2. B'rikors maħluf tas-26 ta' Lulju, 2017 l-attriċi fissret illi l-partijiet kienu miżżewġin u ż-żwieġ tagħhom kien regolat mill-komunjoni tal-akkwisti. Ippremettiet illi matul iż-żwieġ tagħhom huma akkwistaw biċċa art b'ċens mingħand missier l-attriċi li fuqha inbniet Villa Belvedere fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, Ħal Lija; illi sussegwentement iż-żwieġ tal-partijiet ġie annullat għal raġunijiet attribwibbli lill-konvenut; illi żewġ sentenzi[1] tal-Qorti tal-Appell mogħtija fit-28 ta' Ġunju, 2013 provdew fost l-oħrajn għax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejniethom; illi wara s-sentenzi msemmija l-konvenut beda jippretendi mingħand l-attriċi s-somma ta' €233,000 bħala s-sehem tiegħu minn Villa Belvedere li ġiet assenjata lill-attriċi; illi hija għadha tikkontendi illi l-ebda sentenza ma ordnatilha tħallas dik is-somma lill-konvenut; illi hija għandha krediti parafernali kontra l-konvenut li jissuperaw bil-bosta l-ammont imsemmi; illi hija ma għandha tieħu xejn aktar billi l-kreditu "ħafna akbar tagħha" ġie mill-Qorti kompletament paċut jew imħallas versu s-somma ta' €233,000 li l-konvenut għadu qed jippretendi minn għandha; illi kien għalhekk li hija fetħet kawża oħra[2] fejn talbet illi s-somma ta' €233,000 li l-konvenut kellu jieħu b'korrispettiv tal-assenjazzjoni ta' sehemu mill-villa "jinsab paċut

[1] 1578/2001; 1665/2001
[2] 229/2015

kontra l-krediti parafernali f'somma akbar ta' €590,681.53"; illi b'kuntratt tas-17 ta' Mejju, 2016 il-konvenut ittrasferixxa sehemu mill-villa imsemmija lill-attriċi filwaqt li l-partijiet irriżervaw il-pożizzjoni tagħhom dwar is-somma imsemmija ta' €233,000; illi fl-14 ta' Settembru, 2016 il-konvenut talab u ottjena kontra l-attriċi mandat ta' sekwestru eżekuttiv (nru. 220/16) għas-somma msemmija ta' €233,000; illi fi-8 ta' Ġunju, 2017 l-attriċi iddepożitat taħt l-awtorità tal-qorti s-somma imsemmija u ottjeniet il-kontro mandat relattiv (nru. 149/17) b'riżerva tal-jeddijiet tagħha; għalhekk intavolat il-kawża odjerna sabiex tottjeni rifużjoni tas-somma imsemmija ta' €233,000 billi talbet:

> "GĦALDAQSTANT, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, l-esponenti rikorrenti umilment titlob illi din il-Qorti jogħġobha tikkundanna lill-intimat konvenut sabiex iħallasha lura s-somma ta' mitejn u tlieta u tletin elf ewro (€233,000) malament pretiża mill-intimat konvenut iżda depożitata b'ċedola numru 88/2017 skont il-liġi sabiex tiġi minnu irtirata biex bil-kontro-mandat numru 149/2017, l-esponenti rikorrenti tinħeles milleffetti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 220/2016 ta' l-14 ta' Settembru 2016
>
> Bl-ispejjeż inklużi dawk tar-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat kontestwalment ma dan l-att, tal-kontro-mandat numru 149/2017, taċ-ċedola ta' depożitu numru 88/2017, ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Lulju 2015 u bl-imgħax legali mid-data ta' dan l-att sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-intimat konvenut inġunt minn issa sabiex jidher personalment għassubizzjoni."

3. Fil-15 ta' Settembru, 2017 il-konvenut ressaq risposta maħlufa u kontrotalba. Fir-risposta maħlufa jilqa' għat-talbiet attriċi billi ressaq l-eċċezzjonijiet segwenti: illi l-kawża hija mhux biss infondata iżda vessatorja, irrita u assolutament abbużiva; illi l-kawża odjerna ma hi xejn ħlief ripetizzjoni tal-kawża fl-istess ismijiet nru 229/2015LM deċiża kontra

l-attriċi b'sentenza tal-10 ta' Novembru, 2015 li minnha l-attriċi appellat u fil-jum li ġiet intavolata r-risposta maħlufa l-appell kien għadu pendenti; illi dik is-sentenza appellata żammet illi t-talba attriċi hija prekluża abbażi tal-prinċipju 'exceptio rei judicatae' *stante* li l-uniku rimedju li kellha l-attriċi sabiex timpunja dawk is-sentenzi kien li titlob ir-ritrattazzjoni tagħhom quddiem l-istess Qorti tal-Appell, talba li ma saritx; illi s-sentenzi 229/2015LM ġia ddikjarat illi l-pretensjoni tal-attriċi "għaddiet in ġudikat bis-sentenzi 1578/2001 u 1665/2001"; illi mhux mogħti mill-Kap. 12 illi Qorti ta' prim'istanza "tinterpreta sentenza li għaddiet in ġudikat mogħtija mill-Qorti tal-Appell"; li l-Qorti kienet inkompetenti li tieħu konjizzjoni tat-talba attriċi; illi għandu jitqies bħala disprezz għall-awtorità tal-Qorti l-aġir tal-attriċi; illi għalhekk ressaq kontrotalba bit-talbiet segwenti:

> "1. Tiddikjara li bl-azzjoni odjerna tagħha l-attriċi, bla ebda ġustifikazzjoni u dolożament, tellfet lill-konvenut mill-użu tal-flus lilu spettanti skond il-liġi.
>
> 2. Konsegwentement tikkundannaha ai termini tal-artikolu 1047 (1) talKodiċi Ċivili, tħallas lil-konvenut l-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja filmija fis-sena (8%) fuq is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin elf euro (€233,000) b'effett mill-21 ta' Lulju 2017 (data tal-formola tal-iżbank) sad-data tal-pagament effettiv.
>
> 3. Konsegwentement, prevja d-dikarazzjoni li l-attriċi aġixxiet dolożament, tikkundannaha tħallas ukoll lill-konvenut dik is-somma li tiġi likwidata bħala rappreżentanti t-telf ta' qliegħ li setgħa jagħmel il-konvenut mill-użu tal-imsemmija somma."

4. B'risposta ġuramantata tal-20 ta' Ottubru, 2017 l-attriċi rikonvenzjonata laqgħet għat-talbiet rikonvenzjonali bis-segwenti eċċezzjonijiet: illi preliminarjament il-kontrotalba hija irrita u nulla billi la hija ġejja mill-istess fatt jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnha hija

ġejja t-talba attriċi u lanqas ma hija l-iskop tagħha li tpaċi kreditu attriċi jew iġġib fix-xejn jew li timpedixxi l-azzjoni attriċi u għalhekk ma tissodisfax ir-rekwiżiti *ai termini* tal-Artikolu 396 tal-Kap.12; illi preliminarjament it-tielet talba rikonvenzjonali hija superfluwha għaliex hija kontenuta fit-tieni talba rikonvenzjonali; illi fil-mertu hija tikkontesta bil-qawwa kollha li biż-żewġ sentenzi fuq imsemmija hija debitriċi tal-konvenut fis-somma ta' €233,000 peress li seħħet tpaċija ma kreditu parafernali tagħha kontra l-konvenut f'somma "ta' aktar mid-doppju"; illi l-attriċi bl-ebda mod ma kienet vessatorja u abbużiva meta talbet u ottjeniet il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju (nru. 1102/17) iżda biss sabiex tikkawtela d-dritt tagħha tant illi lesta li titlob ir-revoka tiegħu jekk il-konvenut "jagħti garanzija suffiċjenti għall-pretensjoni tagħha"; illi l-mandat 1102/17 maħruġ fis-26 ta' Lulju, 2017 ma jistax ikollu effett retroattiv mill-21 ta' Lulju 2017 kif qed jippretendi l-konvenut; illi l-konvenut għadu "totalment inadempjenti" fir-rigward ta' dak li ġie kkundannat favur l-attriċi *ai termini* taż-żewġ sentenzi imsemmija;

5. B'sentenza tat-2 ta' Mejju, 2019 fl-ismijiet "Johanna Ganado v. Edward De Gaetano" il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba tal-attriċi fejn talbet li jiġi dikjarat illi hi m'għandiex tagħti lill-konvenut is-somma imsemmija ta' €233,000.

6. Fis-seduta quddiem l-Ewwel Qorti tal-5 ta' Lulju, 2019 l-attriċi ċediet

il-kawża odjerna minnha promossa. Fl-istess seduta l-avukati tal-partijiet ittrattaw il-kontrotalba u l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar il-kontrotalba.

7. B'sentenza tas-6 ta' Marzu, 2020 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kontrotalba billi:

> "1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attriċi in kwantu dawn ġew ċeduti fil-5 ta' Lulju 2019;
>
> 2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-attriċi rikonvenzjonata;
>
> 3. Tilqa' l-ewwel talba tal-konvenut rikonvenzjonant u tiddikjara li bl-azzjoni odjerna tagħha l-attriċi, bla ebda ġustifikazzjoni u dolożament, tellfet lill-konvenut mill-użu tal-flus lilu spettanti skond il-liġi;
>
> 4. Tilqa' t-tieni talba tal-konvenut rikonvenzjonant u tiddikjara li ai termini tal-artikolu 1047 (1) tal-Kodiċi Ċivili, l-attriċi rikonvenzjonata tħallas lil-konvenut l-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8%) fuq is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin elf euro (€233,000) b'effett 17 ta' Mejju 2016 sat-12 ta' Ġunju 2019;
>
> 5. Tilqa' t-tielet talba tal-konvenut rikonvenzjonant u tikkundanna lill-attriċi rikonvenzjonata tħallsu s-somma ta' tlett elef mija u tnejn u ħamsin Ewro u disa' u sebgħin ċenteżmu (€3152.79) bħala rappreżentanti t-telf ta' qliegħ li seta' jagħmel il-konvenut mill-użu tal-imsemmija somma ta' mitejn u tlieta u tletin elf euro (€233,000);
>
> 6. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attriċi rikonvenzjonata."

8. L-attrici ħassitha aggravata b'din is-sentenza u b'rikors tal-appell intavolat fis-6 ta' Mejju, 2020, għar-raġunijiet hemm mogħtija, interponiet appell minnha li permezz tiegħu talbet "il-modifika jew riforma tagħha bil-konferma ta' l-ewwel kap u bir-revoka u tħassir tal-bqija ta' l-istess Sentenza Appellata".

9. B'risposta tat-23 ta' Lulju, 2020 l-konvenut appellat, għar-raġunijiet hemm mogħtija, oppona għal dan l-appell.

Ikkunsidrat;

10. Permezz tal-ewwel aggravju l-attriċi rikonvenzjonata appellanti (l-Appellanti) tgħid illi l-Ewwel Qorti ma kelliex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tagħha illi l-kontrotalba hija "irrita u nulla"; tgħid illi għalkemm huwa minnu li "kontrotalba hija awtonoma mill-azzjoni prinċipali u bħala tali teżisti indipendentement mill-azzjoni promotorja, tgħid illi kienet żbaljata l-Ewwel Qorti meta ddikjarat illi peress li fil-mori tal-kawża "l-attriċi ċediet it-talbiet promoturi ... l-eċċezzjoni li l-kontrotalba mhux konformi mal-preċett ta' l-artikolu msemmi hija llum irriżorja"; tgħid illi għandu jkun ovvju li ċ-ċessjoni tal-azzjoni prinċipali "ma tiddiżapplikax l-Artikolu 396 tal-Kapitolu 12 li jistabbilixxi l-parametri li fihom tista' titressaq l-kontrotalba peress li l-applikazzjoni ta' dak l-artikolu tista' biss tkun *ex tunc* (ie. fil-mument li ġiet intavolata l-azzjoni attriċi) u mhux *ex nunc* (ie. fil-mument li saret iċ-ċessjoni tal-azzjoni attriċi)"; tgħid illi r-raġunament tal-Ewwel Qorti jimmina l-awtonomija u l-indipendenza bejn l-azzjoni attriċi u r-rikonvenzjoni; tgħid illi għalkemm l-Ewwel Qorti ġustament irrilevat illi l-element essenzjali tal-proċedura rikonvenzjonali hija l-konnessjoni li trid tirriżulta bejn it-talba u l-kontrotalba l-Ewwel Qorti ma kelliex issib dik il-konnessjoni; tgħid li n-nuqqas ta' konnessjoni jemani

mill-fatt illi l-azzjoni tagħha kienet talba għal rifużżjoni ta' flus imħallsa mill-attriċi lill-konvenut, filwaqt li l-kontrotalba hija msejsa fuq pretensjoni ta' danni minħabba l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju mill-attriċi rikonvenzjonata kontra l-konvenut rikonvenzjonant;

11. Il-konvenut appellat jilqa' għal dan l-aggravju billi jgħid illi l-kontrotalba minnu promossa taqa' perfettament fil-parametri tal-Artikolu 396 tal-Kapitolu 12 peress li filwaqt li l-azzjoni attriċi kienet għar-rifużjoni tas-somma ta' €233,000 minnha iddepożitata sabiex ottjeniet il-ħruġ ta' kontromandat għal mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra tagħha għal dik is-somma, il-kontrotalba ġiet intavolata peress illi fuq l-istess somma li l-attriċi iddepożitat taħt l-awtorità tal-Qorti hija ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 1102/17 in kawtela tal-pretensjonijiet tagħha mressqa fil-kawża odjerna, jgħid illi għalhekk il-kontrotalba tissodisfa d-dettami tal-Artikolu 396 tal-Kapitolu 12.

**Ikkunsidrat;**

12. Taħt **Titolu VIII tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili** intitolat "**Fuq Xi Proċeduri Speċjali"** jinstab is-**Sub-Titolu I intitolat "Fuq ir-Rikonvenzjoni".** Dan is-sub titolu jibda b'**Artikolu 396** li jipprovdi illi fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontrotalba kontra l-attur, basta li din il-kontrotalba tkun konnessa mat-talba tal-attur (a) meta l-kontrotalba tal-

konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew (b) meta l-iskop tal-kontrotalba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha. L-emendi bl-Att XXXI tas-sena 1980 għall-Kodiċi tal-Proċedura ma varjawx dak li jipprovdi Artikolu 396. Minn qari ta' dan l-artikolu huwa evidenti li l-intenzjoni tal-leġislatur kienet li jwessa' kemm jista' jkun il-possibilità li fl-istess kawża titressaq kawża oħra marbuta b'xi mod mal-azzjoni attriċi kif l-istess artikolu jipprovdi. B'dak li jiddisponi Artikolu 396 illi l-kontrotalba hija permessa anke għall-finijiet ta' tpaċija jew sabiex timpedixxi l-effett tal-azzjoni attriċi, hija turija kemm il-ħsieb wara l-istitut tal-konvenzjoni huwa li jiġbor fi proċess ġudizzjarju wieħed, sa fejn possibbli b'rispett tad-drittijiet tal-partijiet, azzjonijiet ġudizzjarji diversi imma konnessi bejn l-istess partijiet. Il-ġurisprudenza hija konkordi illi dan l-artikolu għandu jingħata interpretazzjoni wiesgħa. Kif inżamm mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Dr David Tonna noe. v. Boris Arcidiacono noe.** mogħtija fit-28 ta' Novembru 1988:

> "L-artikolu 396 (Kap 12) jaghti lill-konvenut id-dritt li jaghmel kontrotalba *in any action*. Isegwi li la l-legislatur ma impona l-ebda limiti, dawn ma jistghux jigu imposti mill-qorti."

13. Kontrotalba però ma tistax titressaq minn konvenut kontra konvenut ieħor (**Gasan Insurance Agency Ltd. v. Simon Soler et** - Qorti tal-Appell - 22 ta' Novembru, 2002) u lanqas minn konvenut kontra msejjaħ fil-kawża (**Georgina Vella v. Emanuel Caruana et.** - Qorti tal-

Appell - 25 ta’ Marzu, 1986).

14. Ir-regoli dwar l-eċċezzjonijiet ta’ nullità tal-azzjoni attriċi huma applikabbli għall-kontro talba. Daqskemm il-konfużjoni u l-kontradittorjetà fit-talbiet attriċi mhumiex tollerati b’applikazzjoni tal-Artikolu 156 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, hekk ukoll il-konfużjoni u l-kontradittorjetà fit-talbiet rikonvenzjonali jistgħu jwasslu għan-nullità tal-kontrotalba. Jibqa’ però jipprevali l-prinċipju illi kemm jista’ jkun l-atti jiġu salvati, dejjem fil-parametri permessi mil-liġi (**Mary Cosaitis vs Mario Muscat** - Appell Kummerċjali - 27 ta’ Novembru, 1990).

15. Applikati l-liġi u l-ġurisprudenza *in materia* għall-aggravju hawn ikkonsidrat, din il-Qorti tgħid mill-ewwel illi dan l-ewwel aggravju tal-appellanti ma hux fejjiedi. Għalkemm huwa minnu, kif tgħid l-istess appellanti, li ma hux ġuridikament korrett il-pronunzjament tal-Ewwel Qorti fis-sens li ċ-ċessjoni tat-talbiet attriċi irrendiet l-eċċezzjoni tan-nullità tal-kontrotalba “irriżorja”; fl-istess ħin l-Ewwel Qorti xorta waħda għaddiet sabiex għamlet analiżi approfondita dwar jekk il-kontrotalba kinitx ritwali u konformi mal-Artikolu 396 u ikkonkludiet illi ma kien hemm xejn null jew irritwali fil-kontrotalba. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti li wasluwha tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-attriċi rikonvenzjonata kienu s-segwenti:

> “L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att ġudizzjarju hija proponibbli biss jekk jinkonkorru r-rekwiżiti stabbiliti fl-artikolu 789 tal-Kap.12 .....
>
> Huwa paċifiku li għalkemm il-leġislatur ma llimitax it-talbiet li jistgħu jitressqu permezz ta' talba rikonvenzjonali, dawn għandhom ikunu

konnessi mat-talba principali u l-iskop tal-istess huwa mhux biss li tiġi eliminata l-obbligazzjoni attriċi, jew ikkompensata, iżda wkoll li d-domandi attriċi jiġu b'kull mod, jekk mhux estinti, anke newtralizzati. (Nicholas Ellul et v Mary Cutajar et - PA FGC - 15 ta' Mejju 1998).

"Vi e` communanza di origine quando le due domande emanano dallo stesso fatto o dallo stesso contratto o titolo." (Ara ad. ez. is-sentenzi fl-ismijiet "Paul u Agnes konjugi Bezzina vs Eagle Beams Limited et" (Ċitaz. Numru 881/97/RCP) deċiża fl-4 ta' Diċembru 1998, u "Dr.Vincent Falzon nomine vs Raymond u Salvina Mifsud" (Ċitaz. Nru. 2302/97/RCP).

Dawn il-prinċipji ġew elaborati minn din il-qorti kif diversament presjeduta flismijiet Air Malta p.l.c. v Lawrence Borg għan-nom ta' South Rays Holidays Limited (PA(JRM) - deċ. fit-30 ta' Ġunju 2004). Il-Qorti irriteniet hekk:-

> "Huwa stabilit li b'"fatt" wieħed jifhem dik il-ġabra ta' operazzjonijiet jew negozji li nisslet ir-rabta ġuridika ...Il-Qorti hija tal-fehma meqjusa li "fatt" ma jista' jkun qatt xi ħaġa li tnisslet u seħħet wara u b'konsegwenza tal-fatt li nbdew proċeduri fil-Qorti biex jiġi determinat ġuridikament jekk xi wahda millpartijiet kinitx kisret il-ftehim - jigi, l-veru "fatt";"

L-attriċi rikonvenzjonata targumenta li l-kontrotalba ma taqax fil-parametri ta' l-artikolu 396 tal-Kap 12 għaliex filwaqt li t-talba tagħha fil-kawża odjerna hija għar-rifużjoni ta' flus malament pretiżi mill-konvenut fuq titolu ineżistenti, listess konvenut qiegħed jirrikonvenzjona għad-danni minnu pretiżi minħabba mandat ta' sekwestru kawtelatorju minnha miksub. Hija tgħid li tant il-kontrotalba ma toħroġx mill-istess fatt li fuqha hija mibnija l-kawża attriċi illi, mill-kontrotalba nfisha jirriżulta illi li kieku hija ma kisbitx il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju dak inhar li fetħet il-kawża, l-intimat ma kienx ikollu bażi fuq xhiex iressaq il-kontrotalba tiegħu u għalhekk l-istess kontrotalba hija msejsa biss fuq fatt ta' proċedura kawtelatorja magħmula mir-rikorrenti biex tħares l-azzjoni tagħha u mhux fuq il-mertu tal-azzjoni nfisha.

Il-Qorti ma tqisx li din l-eċċezzjoni hija ġustifikata.

Fil-proċeduri odjerni l-attriċi talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut iħallasha lura s-somma ta' €233,000 allegatament malament pretiżi minnu, iżda depożitata b'ċedola numru 88/2017 skont il-liġi sabiex tiġi minnu irtirata, biex bil-kontromandat numru 149/2017, l-attriċi tinħeles mill-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 220/2016 ta' l-14 ta' Settembru 2016. Kif jirriżulta b'mod ċar mir-rikors promotur, ill-pretensjoni tal-attriċi hija naxxenti mill-fatt li, allegatament, is-sentenzi deċiżi finalment mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju 2013 b'ebda mod ma kienu ordnawlha tħallas dawk il-flus lill-intimat u għalhekk kellha anke tiftaħ it-tielet kawża Rik Nru 229/15. Sussegwentement il-konvenut ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru

fuq is-somma ndikata, liema mandat ġie revokat wara li hija iddepożitat il-flusimsemmija u hija talbet ir-rifużjoni tagħhom fil-kawża odjerna.

Il-Qorti però tirrileva li, kuntrarjament għas-sottomissjonijiet magħmula millattriċi, il-kontrotalba tal-konvenut hija ben konnessa mat-talbiet attriċi fittermini li trid il-liġi. Infatti l-konvenut ukoll bena l-pretensjonijiet tiegħu fuq listess fatt u ċioe' l-effetti taż-żewġ sentenzi deċiżi mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju 2013 in kwantu huwa jikkontendi li dawn kienu effettivament ikkundannaw lill-attriċi tħallsu s-somma ta' €233,000 u hu kien kostrett jieħu proċeduri permezz tal-Mandat ta' Sekwestru biex jipprova jieħu dak li kien dovut lilu, tentattiv li falla wara li l-attriċi mhux biss intavolat mandat ieħor ta' sekwestru iżda anke l-kawża odjerna. It-talbiet fil-kontrotalba huma nfatti marbuta mal-allegata dolożita tal-azzjoni odjerna fit-totalita' tagħha u mhux biss dwar il-mandat kawtelatorju 1102/17 li sar mill-attriċi stante li din qed ittellfu lużu tas-somma ta' €233,000 b'dannu għalih.

Minn dan isegwi li r-rabta ġuridika rikjesta mill-liġi bejn l-azzjoni attriċi u lkontrotalba tal-konvenut ġiet murija għax filwaqt li a bażi tas-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2013 l-attriċi tinsisti li dawn ma kkundannawhiex għall-ħlas ta' €233,000 lill-konvenut (liema pożizzjoni wasslitha biex eventwalment fetħet il-kawża odjerna), minn naħa l-oħra l-konvenut, ukoll a bażi ta' dawk iż-żewġ sentenzi, kellu pożizzjoni opposta u ċioe' li hi kellha tħallsu s-somma msemmija, liema pożizzjoni wasslitu biex eventwalment mhux biss oppona għall-kawża odjerna mressqa mill-attriċi iżda anke li jressaq pretensjonijiet dwar din l-istess somma fil-kontrotalba.

Għaldaqstant il-kontrotalba kif proposta, kienet mill-bidunett intiża li twassal għan-newtralizzazzjoni tal-azzjoni attriċi stante li biex tintlaqa' kien jeħtieġ li l-Qorti ma tilqax il-pożizzjoni tal-attriċi (kieku din ma ċedietx l-atti tal-kawża tagħha) dwar jekk hux dovut jew le l-ħlas ta' €233,000 u lil min. Għalhekk din l-eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda.

16. Din il-Qorti taqbel pienament mal-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti li wasluwha għaċ-ċaħda tal-ewwel eċċezzjoni tal-attriċi rikonvenzjonata. Kif rajna, l-azzjoni attriċi hija għar-rifużjoni tas-somma ta' €233,000 minnha mħallsa sabiex ottjeniet il-ħruġ ta' kontromandat għal mandat ta' sekwestru eżekuttiv maħruġ kontra tagħha għal dik is-somma fuq talba tal-konvenut. Il-kontrotalba ġiet intavolata peress illi fuq l-istess somma li l-attriċi iddepożitat taħt l-awtorità tal-Qorti hija ottjeniet

il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 1102/17 in kawtela tal-pretensjonijiet tagħha mressqa fil-kawża odjerna. Huwa aktar milli evidenti għal din il-Qorti illi l-kontrotalba hija konformi mal-Artikolu 396 sub-inċiż (b) peress li l-iskop tagħha huwa li jekk tirriżulta fondata "jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur".

17. Peress illi, bħall-Ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti qed issib illi l-kontrotalba promossa mill-konvenut taqa' pienament fil-parametri tal-Artikolu 396 tal-Kapitolu 12, **tiċħad dan l-ewwel aggravju tal-attriċi appellanti.**

18. Permezz tat-tieni aggravju l-appellanti tgħid illi s-somma depożitata mill-attriċi biċ-ċedola numru 88/2017 ġiet eventwalment żbankata mill-konvenut mingħajr l-ebda riżerva u għalhekk ma jista' jkun dovut l-ebda imgħax fuq il-prezz tal-bejgħ għaliex dan ġie saldat bl-iżbank effettwat mingħajr ebda riżerva. Filwaqt li tikkonċedi illi l-"unika kwistjoni li tista' tibqa' hija dik tal-imgħax inkorsi jew mitlufa fuq l-ammont depożitat b'effett tas-sekwestru", tgħid illi l-Ewwel Qorti qatt ma setgħat takkorda dawk l-imgħaxijiet għal data li tippreċedi s-sekwestru għaliex tqis li l-konvenut ma seta' jsofri ebda dannu minħabba l-istess sekwestru. Tgħid li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta akkordat imgħax lill-konvenut għall-perijodu anteċedenti l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru mitlub minnha

tenut kont li lanqas fit-talba rikonvenzjonali ma kien hekk mitlub. Tilmenta għalhekk illi filwaqt li l-konvenut rikonvenzjonant talab imgħax b'effett mill-21 ta' Lulju, 2017, id-data li fiha ressaq it-talba għall-iżbank, l-Ewwel Qorti akkordat l-imgħax b'effett mis-17 ta' Lulju, 2016 u għalhekk issostni li d-deċiżjoni appellata kienet fi kwalunkwe każ 'ultra petita'. Tinsisti mill-ġdid illi ġaladarba l-konvenut talab li jiżbanka l-ammont ta' €233,000 "mingħajr ebda riżerva għall-imgħax" il-proċeduri għall-iżbank inizjati mill-konvenut "estingwew kwalsiasi kreditu li l-konvenut rikonvenzjonant seta kellu fil-konfront ta' l-attriċi appellata fir-rigward".

19. Il-konvenut appellat jirrispondi dwar dan it-tieni aggravju billi jgħid illi filwaqt li huwa jaqbel li fil-kontrotalba huwa talab imgħax mill-21 ta' Lulju, 2017 u mhux mis-17 ta' Lulju, 2016 kif akkordat l-Ewwel Qorti, fl-istess ħin jopponi l-argument tal-attriċi illi l-ebda imgħax ma kien dovut peress li huwa kien żbanka s-somma ta' €233,000 mingħajr riżerva. Jgħid illi l-formola għall-iżbank ġiet iffirmata fil-21 ta' Lulju, 2017 mentri l-mandat ta' sekwestru tal-attriċi ġie ppreżentat ħamest ijiem wara fis-26 ta' Lulju, 2017 u għalhekk bil-fatt li fit-talba għall-iżbank ma għamel l-ebda riżerva ma għandha l-ebda rilevanza; illi l-imgħax mitlub fil-kontrotalba ma hux l-imgħax fuq is-*sorte* li l-esponent kellu dritt jindika fil-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 220/16 iżda huwa imgħax fil-forma ta' danni *ai termini* tal-Artikolu 1047 (1) tal-Kodiċi Ċivili; u li fi kwalunkwe każ fir-rikors għall-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 220/16 maħruġ fuq

talba tiegħu kien indika li l-pretensjoni tiegħu dwar l-imgħax kienet qed tiġi riżervata.

**Ikkunsidrat;**

20. Dan l-aggravju fih żewġ fergħat: ta' l-ewwel huwa ilment imsejjes fuq l-*'ultra petita'*; f'tat-tieni illi bl-iżbank tas-somma ta' €233,000 mingħajr riżerva l-konvenut irrinunzja għall-imgħax. Dwar l-ilment *ultra petita* jirriżulta, anke ammess mill-konvenut, li dan huwa ilment fondat. Għalhekk mingħajr ħtieġa li din il-Qorti tinoltra ruħha aktar dwaru qed jiġi akkolt.

21. Dwar il-pretensjoni tal-appellanti illi bl-iżbank tas-somma kapitali mingħajr ma għamel riżerva għall-imgħax ġie li l-konvenut tilef il-jedd li jfittex għall-imgħax, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi dan l-aggravju/pretensjoni tal-atttriċi illi l-konvenut tilef il-jedd li jitlob imgħax minħabba li żbanka "mingħajr riżerva" lanqas biss jissemma' fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi ppreżentata quddiem l-Ewwel Qorti fit-28 ta' Ġunju, 2018[3]; wisq anqas fl-eċċezzjonijiet tagħha għat-talbiet rikonvenzjonali. Jekk din il-pretensjoni ġdida tagħha insorġiet fil-mori tal-kawża setgħat dejjem titlob l-awtorizzazzjoni tal-Ewwel Qorti sabiex tintroduċi fl-atti eċċezzjoni ulterjuri. L-attriċi ma għamlet xejn minn dan.

[3] Fol. 294 *et. seq.*

22. Bħala reġola ġenerali, ma jistgħux jitqanqlu kwistjonijiet ġodda fl-appell jekk setgħu jitqanqlu quddiem il-Qorti tal-ewwel grad; sakemm ma jkunux eċċezzjonijiet perentorji li jistgħu jitqajmu f'kull stadju tal-kawża anke fl-istadju tal-appell. (**Maltacom p.l.c. v. Carmelo Bonnici** - Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) - 15 ta' Jannar, 2010).

23. Ma hux leċitu illi l-appellanti tqanqal għall-ewwel darba quddiem qorti tat-tieni istanza aspetti ġodda fil-vertenza li setgħu tqanqlu quddiem il-Qorti tal-ewwel grad "kemm ghax dan ikun qed jissorprendi lill-kontroparti u jipprivaha mid-dritt ghal doppio ezami kemm ghaliex bhala regola generali l-appell huwa revizjoni tal-process ta' l-ewwel istanza, u l-kawza ma ghandhiex issir mill-gdid quddiem il-Qorti ta' l-Appell." Inoltre l-Qorti ma għandhiex tippermetti li dan isir meta l-fatti li fuqhom il-kontestazzjonijiet ikunu bażati jkunu mhux biss diġà sewwa magħrufa mill-appellant waqt it-trattazzjoni tal-kawża quddiem il-Qorti tal-ewwel istanza iżda addirittura magħmul użu minnhom fis-sostenn tal-linja probatorja adoperata. (**Yvonne Pullicino v. Edgar Mifsud** - Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) - 12 ta' Novembru, 2003; ara wkoll **Alfred Spiteri et. v. Joseph Cutajar et.** - Qorti tal-Appell - 27 ta' Jannar, 2021).

24. Fi kwalunkwe każ din il-Qorti tqis tali pretensjoni manifestament fiergħa. L-attriċi hija ben konsapevoli illi meta l-konvenut ressaq it-talba

għall-iżbank tas-somma ta' €233,000 ma kien hemm l-ebda impediment sabiex jiżbanka għaliex l-attriċi kienet għadha ma ppreżentatx il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intiż speċifikatament sabiex il-konvenut jiġi inibit milli jiżbanka dik is-somma depożitata mill-attriċi. Dwar kif u għaliex il-konvenut kellu jagħmel riżerva fit-talba tiegħu għall-iżbank l-attriċi appellanti ma tagħti l-ebda raġuni valida.

25. Dan l-aggravju kien jimmerita konsiderazzjoni favorevoli li kieku nstab illi l-konvenut żbanka dik is-somma *a saldo* ta' kull pretensjoni tiegħu fil-konfront tal-attriċi. Fin-nuqqas ta' tali dikjarazzjoni jew dikjarazzjoni simili, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni kif seta l-konvenut tilef il-jedd tiegħu li jitlob għall-imgħax *ai termini* tal-Artikolu 1047 (1) tal-Kodiċi Ċivili.

26. **Għaldaqstant filwaqt li tilqa' parzjalment it-tieni aggravju sa fejn jirrigwarda d-*dies a quo* abbinat mad-dekorriment tal-imgħax legali, tiċħadha fil-kumplament**.

27. Permezz tat-<u>tielet aggravju</u> l-attriċi appellanti tikritika lill-Ewwel Qorti illi ikkonsidratha li aġixxiet doložament. Tissorprendi ruħha l-attriċi illi hekk instabet mill-Ewwel Qorti meta kull ma għamlet kien illi "ippretendiet dak li deherilha kien u emmnet, kif għada temmen sal-lum, kien dritt tagħha". Tgħid illi appena kien hemm is-sentenza tal-Qorti tal-

Appell li ddeċidiet illi ma kelliex raġun fil-pretensjoni tagħha dwar is-somma ta' €233,000, hija kienet pronta sabiex neħħiet il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju abbinat mal-kawża odjerna. Tgħid li hija kellha raġun li tottjeni l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju *de quo agitur* minħabba "l-inadempjenza tal-konvenut appellat li jaderixxi mal-obbligi fuqu imposti mil-liġi." Tgħid li hi segwit bil-proċeduri ġudizzjarji filwaqt li l-konvenut ilu s-snin jinjora s-sentenzi tal-Qorti. Tgħid illi l-Ewwel Qorti messha sabet lill-konvenut in *mala fede* u mhux lilha wara li injora s-sentenzi tal-Qorti li ser iwasslu sabiex ikollha tieħu passi eżekuttivi fir-rigward. Tgħid illi ma kienx hemm raġuni għaliex l-Ewwel Qorti ikkundannatha tħallas id-danni u kumpens "fuq bażi ta' mala fede tagħha".

28. Il-konvenut jilqa' għal dan it-tielet u l-aħħar aggravju billi jirreferi għad-distinzjoni li Artikolu 1047 tal-Kodiċi Ċivili jagħmel fejn fl-ewwel sub-inċiż kull ma jinħtieġ hija l-prova li persuna tkun ġiet negata l-użu tal-flus tagħha, anke bla intenzjon doluża; mentri fir-rigward tal-indenniz taħt is-sub-inċiż 2 jeħtieġ il-prova li min ikun għamel il-ħsara ikun aġixxa dolożament. Jgħid għalhekk illi anke li kieku l-aggravju li l-attriċi ma messiex ġiet misjuba ħatja ta' *mala fede* jirriżulta fondat "ma jwassalx għar-revoka tal-kundanna tal-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija kontemplata fl-Artikolu 1047 (1), iżda semmai biss għall-ħlas tas-somma ta' .... €3,152.79 akkordata bħala ndenniz taħt l-Artikolu 1047 (2)."

29. Jgħid illi mill-atti jirriżulta illi l-attriċi "abbużat konxjament u dolozament mill-proċess ġudizzjarju sabiex tinnega lill-esponent mis-somma ta' €233,000" lilu dovuti skont żewġ sentenzi li għaddew in ġudikat fit-28 ta' Ġunju, 2013. Jgħid illi dik is-somma suppost irċeviha appena iffirma il-kuntratt ta' assenjazzjoni ta' sehemu mill-villa lill-attriċi permezz ta' kuntratt ippubblikat fis-17 ta' Mejju, 2016 fuq liema kuntratt il-partijiet irriżervaw il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom dwar is-somma ta' €233,000. Il-konvenut jagħmel rassenja tal-atti ġudizzjarji li wasslu sew għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv tiegħu wara d-depożitu mill-attriċi u s-sussegwenti mandat kawtelatorju tal-attriċi li mblokka lill-konvenut milli jieħu f'idejh dak l-ammont li kien fil-proċess li jiġi żbankat. Jgħid illi l-attriċi daħqet bih meta l-ewwel ippermettietlu jimla l-formola tal-iżbank sabiex hi tkun tista' tottjeni l-ħruġ tal-kontromandat, u li appena saret il-proċedura tal-iżbank iżda qabel ma l-flus għaddew f'idejn il-konvenut, l-attriċi ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuqhom. Jgħid li d-*dolo* da parti tal-attriċi jirriżulta abbundantement. Iżid jgħid illi sa mill-bidunett ta' din il-kawża huwa sostna li l-kawża odjerna ma kienet xejn għajr ripetizzjoni tal-kawża 299/15LM dak iż-żmien pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Jgħid illi kellha tkun is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża imsemmija mogħtija fit-2 ta' Mejju, 2019 sabiex l-attriċi aċċettat dak deċiż b'żewġ sentenzi sitt snin qabel u ċjoè f'Ġunju, 2013 u ċediet it-talbiet tagħha fil-kawża odjerna bla riżerva. Jgħid li d-

danni kanonizzati mill-Ewwel Qorti taħt it-tielet talba rikonvenzjonali huma biss l-ammont ta' €23,152.79 li huwa tilef mis-somma ta' €233,000 minħabba l-ispejjeż tad-depożitu tal-istess somma taħt l-awtorità tal-Qorti konsegwenti għall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Jgħid li huwa ma talab ebda danni oħra ħlief dawk li huwa qatt ma ser jirkpura għaliex tnaqqsu awtomatikament mis-somma depożitata taħt l-awtorità tal-Qorti.

**Ikkunsidrat;**

30. L-Ewwel Qorti, ddeċidiet li l-attriċi aġixxiet dolożament wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> "It-tieni talba rikonvenzjonali tal-konvenut hija għall-kundanna tal-attriċi għal ħlas ta' imgħaxijiet legali fuq is-somma ta' €233,000 a tenur tal-artikolu 1047(1) tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li t-tielet talba rikonvenzjonali qegħda titlob il-ħlas ta' somma likwidata bħala rappreżentanti t-telf ta' qliegħ li seta' jagħmel il-konvenut mill-użu tal-imsemmija somma a tenur tal-artikolu 1047 (2) tal-Att imsemmi. Waħda ma teskludix lill-oħra. Dan għaliex il-ħsara li twassal għall-applikazzjoni tal-ewwel subartikolu tirrikjedi biss il-prova tal-ħsara li wasslet biex ittellef lil persuna l-użu tal-flus tagħha, filwaqt li t-tieni sub-artikolu jipprovdi għal kumpens għal ħsarat oħra sofferti u fil-fatt jispeċifika li l-Qorti "tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti wkoll lill-parti li tbati l-ħsara indennizz għal kull ħsara oħra li tkun batiet" b'dana li però trid tinġieb il-prova li l-parti li tkun għamlet il-ħsara aġixxiet dolożament.
>
> […]
>
> L-ewwel talba mressqa mill-konvenut rikonvenzjonant titlob lill-Qorti - "Tiddikjara li bl-azzjoni odjerna tagħha l-attriċi, bla ebda ġustifikazzjoni u dolożament, tellfet lill-konvenut mill-użu tal-flus lilu spettanti skond il-liġi". Kif jipprovdi l-artikolu 532 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta –
>
> "Għandu dejjem jingħadd li wieħed huwa bona fidi, u min jeċċepixxi l-mala fidi għandu jippruvaha."
>
> [...]

Applikati dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali għall-każ odjern il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija meritata.

Fil-proċeduri li saru quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li ġew konklużi bis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Ġunju 2013 kien ġa sar pronunċjament ċar li l-attriċi rikonvenzjonata kellha tħallas lill-konvenut rikonvenzjonant is-somma ta' €233,000 filwaqt li hija tieħu s-sehem ta' żewġha fil-Villa Belvedere. A skans ta' kull ekwivoku, fis-sentenza tal-prim istanza Rik 1578/01 il-Qorti kienet qalet b'mod ċar u inekwivoku hekk –

> "Minn naħa tiegħu l-attur qed jiġi kumpensat bis-somma ta' mitejn tlieta u tletin elf ewro [233,000] li l-konvenuta għandha tħallas lill-attur."

Kif diġà elenkat fis-sinteżi tal-provi, għalkemm is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Ġunju 2013 varjaw is-sentenzi tal-ewwel Qorti f'xi aspetti, dak li jirrigwarda l-obbligu tal-ħlas tas-somma msemmija mill-attriċi lill-konvenut reġa' ġie konfermat anke jekk fuq raġunament kemmxejn differenti. Infatti fl-appell Rik Nru 1665/01 il-Qorti reġgħet kienet kategorika fil-konklużjoni tagħha li dan il-ħlas kellu jsir lill-konvenut rikonvenzjonant –

[ ... ]

Fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk id-deċiżjoni tal-Qrati fil-kawżi suċċitati ma jħallu ebda lok jew ħjiel ta' dubju dwar il-fatt li l-attriċi rikonvenzjonata kellha tħallas is-somma ta' €233,000 lill-konvenut.

Jiġi nnutat ukoll li anke l-Qorti tal-Appell fil-każ Rik 299/15 irrimarkat mingħajr ebda riżervi li –

> ".....minn qari intelliġenti tas-sentenzi de qua u mingħajr sforz kbir tal-intellett għandu jirriżulta ċar kristallin li fil-parti relattiva tas-sentenza fil-kawża numru 1578/01 u preċiżament fil-paġni numri 11 u 13, fl-assenjazzjoni magħmula rigwardanti d-dar matrimonjali li inbniet fuq art li kienet ingħatat lill-partijiet b'enfitewsi perpetwa minn missier l-attriċi u li għalhekk f'ċirkostanzi normali l-konvenut kellu nofs indiviz tal-art, dik il-Qorti, minħabba l-fatturi elenkati minnha, dehrilha li ma kienx gust li l-valur kollu ta' nofs il-binja, allura [il-binja shiha] stmata mill-Perit David Pace fl-ammont ta' €1,750.76, jiġi assenjat lill konvenut bħala kumpens, iżda fid-dawl ta' dawk l-istess fatturi illikwidat il-kumpens dovut lil Edward De Gaetano arbitrio boni viri fl-ammont ta' €233,000 li "għandhom" jitħallsu lilu minn Johanna Ganado. Iżda tenut kont li dan l-aħħar ammont huwa ferm inferjuri mill-valur ta' nofs il-binja, dik il-Qorti żiedet li "ukoll" bit-trasferiment ta' sehmu mill-villa "l-krediti parafernali tal-konvenuta jitqiesu bħala saldati" u għalhekk mhu dovut mill-attur ebda ħlas "ulterjuri" f'dan ir-rigward.
>
> 16. Minn qari tas-sentenza relattiva jirriżulta li fis-sezzjoni "Krediti Parafernali" hemm elenkati diversi krediti parafernali appartenenti lill

attriċi fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti. Huma dawn il-krediti li dik il-Qorti irreferiet għalihom bħala li għandhom jitqiesu saldati mat trasferiment ta' sehem Edward De Gaetano lil Johanna Ganado mill-villa u mhux il-kumpens mogħti għal dak it-trasferiment. Dan kellu jirriżulta aktar ċar meta fl-istess paragrafu l-Qorti tal-Familja eskludiet dak dovut lill-konvenuta mill-attur taħt is-sezzjoni intestata "Mobbli – Komunjoni – Parafernali."

17. Fi ftit kliem, tenut kont li lil Edward De Gaetano ma ġiex assenjat il-valur sħiħ ta' nofs il-villa [minħabba l-fatturi elenkati fis-sentenza] u ġie assenjat lilu ammont ferm inferjuri għal valur ta' nofs il-villa, dik il-Qorti dehrilha li l-valur tal-krediti parafernali tal-attrici kellhom jitqiesu saldati, u dan indipendentement mill-hlas tal-kumpens ta' €233,000 dovut lilu bl-assenjazzjoni lilha ta' sehem Edward Degaetano mill-villa. Din l-interpretazzjoni sic et simpliciter tirriżulta b'mod manifest mis-sentenza in kwistjoni.

18. Għaldaqstant, filwaqt li tilqa' l-aggravju tal-attriċi bħala teknikament ġustifikat, ser tiċħad it-talba attriċi iżda għar-raġunijiet differenti minn dawk mogħtija mill-Ewwel Qorti."

Fid-dawl tal-osservazzjonijiet suesposti l-Qorti tissottolinea l-kjarezza tal-intendiment tas-sentenzi Rik 1578/01 u Rik 1665/01 iżda invece, minflok ma ottemprat ruħha mas-sentenzi mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2013 li kienu saru res judicata, l-attriċi rikonvenzjonata baqgħet twebbes rasha billi, mingħajr ebda ġustifikazzjoni fil-liġi, u ma ħallsitx is-somma ta' €233,000 lill-konvenut rikonvenzjonant. Anzi, kważi sentejn wara, u ċioe' f' Marzu 2015 reġgħet intavolat proċeduri ġodda Rik Nru 299/15 dejjem dwar il-ħlas tas-somma ta' €233,000, li eventwalment ukoll ġew respinti.

[ ... ]

Meta wieħed għalhekk iqis mhux biss in-nuqqas ta' bażi legali għall-l-attriċi rikonvenzjonata biex ma tirrispettax dak deċiż fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell ta' Ġunju 2013 iżda anke t-tempiżmi li bihom aġixxiet sussegwentement li wasslu għall-ftuħ talkawża odjerna l-Qorti tkompli tikkonferma l-animu doluż tagħha ntiż evidentement li jagħmel minn kollox biex jirbaħ iż-żmien qabel ma jsir il-ħlas dovut lill-konvenut. U din mhijiex kwistjoni li jista' jiġi aċċettat li l-attriċi kienet sempliċiment qegħda tfittex li tissalvagwardja d-drittijiet tagħha għax, kif ingħad fis-suespost, il-Qorti kienet ilha minn Ġunju 2013 li b'mod definittiv u ċar iddeċidiet dwar il-ħlas tas-somma ta' €233,000 li hija kellha tħallas lill-konvenut rikonvenzjonant. L-aġir ġudizzjarju sussegwenti tagħha partikolarment blintavolar tal-kawża odjerna ma jistax ħlief jitqies bħala abbuż tal-proċess ġudizzjarju li jimmerita li jiġi penalizzat għax wassal biex il-konvenut rikonvenzjonant ikun f'qagħda li jista' jirċievi l-€233,000 biss wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Mejju 2019 meta fl-

aħħar l-attriċi ċediet l-azzjonijiet ġudizzjarji kollha tagħha fir-rigward.

L-ewwel talba tal-konvenut rikonvenzjonant għalhekk sejra tintlaqa'.

[ ... ]

L-artikolu 1047 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk –

> "Il-ħsara li tikkonsisti f'illi ttellef lil persuna l-użu tal-flus tagħha, tissewwa bilħlas tal-imgħaxijiet li jinqiesu bit-tmienja fil-mija fis-sena."

[ ... ]

It-tielet talba tal-konvenut rikonvenzjonant tgħid hekk –

> "Konsegwentement, prevja d-dikarazzjoni li l-attriċi aġixxiet dolożament, tikkundannaha tħallas ukoll lill-konvenut dik is-somma li tiġi likwidata bħala rappreżentanti t-telf ta' qliegħ li setgħa jagħmel il-konvenut mill-użu talimsemmija somma."

Din it-talba qed issir a tenur tal-artikolu 1047 (2) tal-Kap 16 li jipprovdi hekk-

> "Iżda, jekk il-parti li tikkaġuna l-ħsara tkun għamlet dan dolożament, ilqorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti wkoll lill-parti li tbati l-ħsara indennizz għal kull ħsara oħra li tkun batiet,kompriż kull telf ta' qligħ, jekk jigi ppruvat li l-parti li kkaġunat il-ħsara, meta tellfet lill-parti li batietha l-użu ta' flusha, kellha partikolarment il-ħsieb li tagħmlilha dik il-ħsara l-oħra, jew jekk dik il-ħsara tkun il-konsegwenza immedjata u diretta tal-fatt li l-parti li batiet il-ħsara ġiet hekk imtellfa l-użu ta' flusha."

In kwantu l-Qorti diġà' sabet aġir doluż da parti tal-attriċi rikonvenzjonata kif spjegat fil-kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel talba, sejra tipproċedi biex teżamina l-provi mressqa mill-konvenut rikonvenzjonant fir-rigward ta' din it-tielet talba. Mill-atti, l-unika prova konkreta li rriżultat lil Qorti bħala kwalifikabbli għal "ħsara oħra" li huwa bata kawża tal-aġir ta' Johanna Ganado hija s-somma ta' €3152.79 imħallsa bħala spejjeż u drittijiet ġudizzjarji taċ-ċedola ta' depożitu numru 1906/17 li tnaqqsu mis-somma dovuta lill-konvenut kif spjegat f'dettall fix-xhieda tad-difensur tal-konvenut u kif jirriżulta miċ-ċedola ta' depożitu tas16 ta' Novembru 2017 a fol 289 tal-proċess.

Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti jidhrilha li għandha takkolji din it-talba limitatament għal din is-somma ta' €3152.79 bħala danni."

**Ikkunsidrat;**

31. Dan it-tielet u l-aħħar aggravju huwa limitat għas-sejbien da parti tal-Ewwel Qorti li l-attriċi rikonvenzjonata aġixxiet dolożament u per konsegwenza għandha tħallas mhux biss imgħax bi 8%, li ġia trattajna aktar qabel, iżda wkoll is-somma ta' €3,152.79 bħala danni *ai termini* tal-Artikolu 1047 (2) tal-Kap. 12.

32. **Artikolu 1047 (2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili** jipprovdi kjarament meta għandu jitqies f'dawn iċ-ċirkostanzi li persuna ikkaġunat ħsara "dolożament". Jipprovdi illi l-ħsara li ttellef persuna minn l-użu ta' flusha għandu jitqies riżultat ta' għemil doluż jekk jiġi ppruvat li l-parti li ikkaġunat il-ħsara, meta tellfet lill-parti li batiet l-użu ta' flusha, kellha partikolarment il-ħsieb li tagħmlilha dik il-ħsara l-oħra, jew <u>jekk dik il-ħsara tkun il-konsegwenza immedjata u diretta tal-fatt li l-parti li batiet il-ħsara ġiet hekk imtellfa l-użu ta' flusha</u>.

33. L-attriċi kienet taf, jew b'dilġenza ordinarja setgħat tkun taf, illi b'effett tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ fuq talba tagħha kienet ser tikkawża ħsara oħra, apparti l-imgħax, b'konsegwenza immedjata u diretta. L-atti juru illi ma kien hemm l-ebda raġuni valida għaliex l-attriċi kompliet tippersisti fil-pretensjoni tagħha li l-konvenut ma kellux jedd li jirċevi mingħandha s-somma ta' €233,000. Ma hux fejjiedi għaliha l-argument illi kienet temmen li ma kelliex dak l-obbligu.

Irrispettivament jekk dik il-fehma kinitx fehma li wasslet għaliha waħedha jew inkella kinitx fehma li ffurmat wara li ħadet pariri mingħand terzi, għall-effetti tad-deċiżjoni żbaljata tagħha għandha tirrispondi hi u hi biss. It-tempestika dwar meta talbet il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li wassal għal dawn il-proċeduri rikonvenzjonali għażlitha l-attriċi waħedha. Il-mandat kawtelatorju wassal sabiex ġie notifikat lill-avukat tal-konvenut bħala sekwestratarju li kien fil-proċess li għan-nom tal-klijent tiegħu jiżbanka dak l-ammont bil-konsegwenza illi *una volta* notifikat bil-mandat ġie kostrett jiddepożita mill-ġdid dak l-ammont bil-konsegwenza li minnu tnaqqset is-somma ta' €3,152.79.

34. Tqis għalhekk din is-somma tikwalifika perfettament bħala <u>ħsara konsegwenzjali, immedjata u diretta</u> tal-aġir tal-attriċi fit-termini tal-Artikolu 1047 (2) tal-Kap. 12.

35. Għaldaqstant tiċħad it-tielet u l-aħħar aggravju tal-attriċi rikonvenzjonata appellanti.

**Decide.**

Għal dawn il-motivi, tiċħad l-ewwel u t-tielet aggravju, tilqa' parzjalment it-tieni aggravju u tiċħdu fil-kumplament, tilqa' għalhekk parzjalment l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata b'dan illi l-imgħax

bi tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) fuq is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin elf ewro (€233,000) għandu jibda jiddekorri mill-21 ta' Lulju, 2017 u mhux mis-17 ta' Mejju, 2016 kif ordnat fis-sentenza appellata; filwaqt li tiċħad l-appell fil-kumplament.

Bl-ispejjeż, in kwantu għal dawk tal-Prim'I0stanza kif deċiżi mill-Ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjeż ta' l-appell jitħallsu inkwantu għall-ħames sesti ($^5/_6$) mill-attriċi rikonvenzjonata appellanti u in kwantu għal sest ($^1/_6$) mill-konvenut rikonvenzjonant appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Anna Felice<br>Aġent President | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da